



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Diċembru 2014 —**

**Il-Kummissjoni vs L-Isvezja**

**(Kawża C-243/13)<sup>11</sup>**

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 2008/1/KE — Prevenzjoni u kontroll integrati tat-tniġġis — Installazzjoni eżistenti — Proċedura ta' awtorizzazzjoni — Proċeduri fis-seħħ — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas ta' eżekuzzjoni — Artikolu 260(2) TFUE — Sanzjonijiet pekunjarji — Somma f'daqqa — Pagamenti ta' penalita”

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Terminu ta' eżekuzzjoni — Data ta' referenza sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (Artikolu 260(1) TFUE) (ara l-punt 25)*
2. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Effetti — Obbligi tal-Istat Membru li naqas — Eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Ġustifikazzjoni bbażata fuq l-ordinament intern — Inammissibbiltà (Artikolu 260(1) TFUE) (ara l-punti 26-35)*
3. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas tat-twettiq tal-obbligu li tiġi eżegwita s-sentenza — Sanzjonijiet pekunjarji — Pagamenti ta' penalità — Determinazzjoni tal-ammont — Kriterji (Artikolu 260(2) TFUE) (ara l-punti 50-60)*
4. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Nuqqas tat-twettiq tal-obbligu li tiġi eżegwita s-sentenza — Sanzjonijiet pekunjarji — Impożizzjoni ta' somma f'daqqa — Setgħa diskrezzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kriterji ta' evalwazzjoni (Artikolu 260(2) TFUE) (ara l-punti 61-67)*

<sup>11</sup> — ĠU C 189, 29.6.2013.

## Dispożittiv

- 1) Billi naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jeżegwixxi s-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-607/10, EU:C:2012:192), ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 260(1) TFUE.
- 2) Fil-każ fejn in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkonstatat fil-punt 1 jkun għadu jeżisti fid-data tal-għoti ta' din is-sentenza, ir-Renju tal-Isvezja jkun ikkundannat īħallas lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kont “Riżorsi proprii tal-Unjoni Ewropea”, pagamenti ta’ penalità ta’ EUR 4 000 għal kull jum ta’ dewmien fl-implementazzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma mas-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (EU:C:2012:192), sa mid-data tal-għoti ta’ din is-sentenza u sad-data ta’ eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza.
- 3) Ir-Renju tal-Isvezja huwa kkundannat īħallas lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kont “Riżorsi proprii tal-Unjoni Ewropea”, somma f'daqqa ta’ EUR 2 000 000.
- 4) Ir-Renju tal-Isvezja huwa kkundannat għall-ispejjeż.